

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tal-karriera maħruġ fir-rigward tar-rikorrent għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u l-31 ta' Diċembru 2012 kif iffinalizzat u ffirmat mill-uffiċjal tal-evalwazzjoni;
- jordna lill-UASI jħallas kumpens adegwat li għandu jiġi ddeterminat mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku – ta' mhux inqas minn EUR 500 – lir-rikorrent għad-danni morali u mhux materjali subiti minnu b'riżultat tar-rapport ikkontestat ta' evalwazzjoni tal-karriera;
- jikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2014 – ZZ vs Il-Parlament**(Kawża F-26/14)**

(2014/C 175/80)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi, C. Bernard-Glanz u A. Tymen, avukati)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrent minħabba fastidju psikoloġiku.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrent tat-13 ta' Frar 2013;
- tannulla d-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tas-26 ta' Awwissu 2013;
- tagħti lir-rikorrent kumpens ta' natura li jiġi kkompensat id-dannu subit minnu ta' ammont ta' EUR 7 500 għad-dannu materjali u ta' ammont ta' EUR 50 000 għad-dannu morali;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-30/14)**

(2014/C 175/81)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: V. Wellens, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni dixiplinari ta' tniżżil fil-grad.